Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1938

26.9.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1938

tat-22 ta' Settembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fl-Italja

(notifikata bid-dokument C(2025) 6529)

(Il-verżjoni bil-lingwa Taljana biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda hija marda infettiva li tinġarr minn vettur u li taffettwa lill-annimali bovini. L-okkorrenza tagħha tista' tħalli impatt sever fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja, u tikkawża disturb fil-movimenti ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) Fil-każ ta' tifqigħa ta' infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fl-annimali bovini, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra tal-annimali bovini, b'mod partikolari minħabba l-mod ewlieni ta' trażmissjoni tagħha permezz tal-vetturi.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda, u ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi mill-inqas żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u, jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1582 ([4]) tistipula ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mat-tifqigħat tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fl-Italja. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 jipprevedi l-istabbiliment, fl-Italja, ta' żoni ristretti, li jinkludu żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza, u żoni ristretti ulterjuri, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, kif ukoll l-istabbiliment ta' żoni tat-tilqim, f'konformità mal-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 ([5]). Barra minn hekk, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 jipprevedi li dawn iż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u ta' restrizzjoni ulterjuri, kif ukoll iż-żoni tat-tilqim, għandhom jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Annessi I u III tagħha, u l-miżuri li għandhom jiġu applikati f'dawk iż-żoni għandhom jiġu applikati mill-inqas sad-dati stabbiliti f'dawk l-Annessi.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1582 tad-29 ta' Lulju 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fl-Italja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1318 (ĠU L, 2025/1582, 1.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1582/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 tat-28 ta' Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 52, 20.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/361/oj).

(5) Minn meta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1764 ([6]), l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar 11-il tifqigħa kkonfermata addizzjonali tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini fil-provinċji ta' Nuoro, Sassari u Oristano, fir-reġjun ta' Sardenja, li ġew irrapportati bejn il-27 ta' Awwissu 2025 u t-12 ta' Settembru 2025. B'reazzjoni għal dawn it-tifqigħat, l-Italja stabbiliet żoni ta' protezzjoni u żoni ta' sorveljanza, kif ukoll żoni ristretti ulterjuri, fil-provinċji ta' Nuoro, Sassari u Oristano, fir-reġjun ta' Sardenja, fejn jiġu applikati l-miżuri ta' kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687

(6) Barra minn hekk, l-Italja infurmat lill-Kummissjoni dwar dewmien fl-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri ta' eradikazzjoni għal bosta tifqigħat ta' infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fir-reġjun ta' Sardenja, li rriżultaw f'estensjoni taż-żoni ristretti.

(7) Għalhekk, filwaqt li jitqiesu dawk it-tifqigħat reċenti f'Sardenja u d-dewmien sussegwenti fl-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri ta' eradikazzjoni, iż-żoni indikati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 jenħtieġ li jiġu aġġornati b'din id-Deċiżjoni, u jenħtieġ li tiġi stabbilita d-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati f'dawn iż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u fiż-żoni ristretti ulterjuri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiġi emendata skont dan.

(8) Id-daqs taż-żoni indikati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza, u żoni ristretti ulterjuri fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582, kif emendata b'din id-Deċiżjoni, kif ukoll id-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, u taż-żoni ristretti ulterjuri, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, ma jqisux biss is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fiż-żoni milquta minn dik il-marda, iżda anke fatturi epidemjoloġiċi oħra, fosthom il-parametri ġeografiċi u r-riskju li l-marda tkompli tinxtered fid-dawl tal-preżenza tal-insetti vetturi. Meta ntgħażlet id-durata tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni tqiesu wkoll l-istandards internazzjonali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([7]).

(9) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 jipprevedi li fiż-żoni elenkati fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, u għall-perjodi speċifikati f'dak l-Anness, l-Italja għandha tapplika l-miżuri applikabbli għaż-żoni ristretti ulterjuri, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Dak l-Artikolu jipprojbixxi wkoll il-movimenti ta' annimali bovini miż-żoni elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 lejn destinazzjonijiet li jinsabu 'l barra minn dawk iż-żoni għall-perjodi speċifikati f'dak l-Anness. Fid-dawl tat-tifqigħat kontinwi tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fir-reġjun ta' Sardenja, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni tiġi estiża. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 jiġi emendat skont dan.

(10) Fid-dawl tal-estensjoni taż-żoni ristretti elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582, kif emendata b'din id-Deċiżjoni, jeħtieġ ukoll li jiġu emendati ż-żoni tat-tilqim stabbiliti fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 għal Sardenja, sabiex jiġi żgurat kontroll ikkoordinat tal-mard u jiġi ssalvagwardjat il-kummerċ fl-Unjoni u ma' pajjiżi terzi.

(11) It-tip, id-daqs u d-durata taż-żoni tat-tilqim I u II stabbiliti fil-Partijiet B u A tal-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 huma bbażati fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika u l-progress tal-kampanji tat-tilqim fl-Italja, b'mod partikolari billi jitqiesu l-livell ta' kopertura tat-tilqim miksub, il-pjanijiet uffiċjali tat-tilqim tal-Istat Membru u r-rapporti ta' progress ippreżentati f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361, kif ukoll fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fifl-Anness IX ta' dak ir-Regolament Delegat. Għaldaqstant, l-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 jenħtieġ li jindika għal kull żona kkonċernata, id-dati li matulhom għandhom japplikaw iż-żoni tat-tilqim.

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1764 tal-25 ta' Awwissu 2025 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fl-Italja (ĠU L, 2025/1764, 27.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1764/oj).

([7]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/.

(12) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I, II u III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 jiġu emendati skont dan.

(13) Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Italja, l-emendi li jridu jsiru fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 b'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li japplikaw malajr kemm jista' jkun biex jiġi evitat aktar tixrid tal-marda fl-Italja, fi Stati Membri oħra, jew f'pajjiżi terzi u biex jiġi evitat tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni jew ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1582 huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESSI

"ANNESS I

Parti A: Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħat ikkonfermati

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Ir-Reġjun ta' Sardenja IT-LSD-2025-00001 IT-LSD-2025-00003 IT-LSD-2025-00004 IT-LSD-2025-00005 IT-LSD-2025-00006 IT-LSD-2025-00007 IT-LSD-2025-00008 IT-LSD-2025-00009 IT-LSD-2025-00010 IT-LSD-2025-00011 IT-LSD-2025-00012 IT-LSD-2025-00013 IT-LSD-2025-00014 IT-LSD-2025-00015 IT-LSD-2025-00016 IT-LSD-2025-00017 IT-LSD-2025-00018 IT-LSD-2025-00019 IT-LSD-2025-00020 IT-LSD-2025-00021 IT-LSD-2025-00022 IT-LSD-2025-00023 IT-LSD-2025-00024 IT-LSD-2025-00025 IT-LSD-2025-00026 IT-LSD-2025-00027 IT-LSD-2025-00028 IT-LSD-2025-00029 IT-LSD-2025-00030 IT-LSD-2025-00031 IT-LSD-2025-00032 IT-LSD-2025-00033 IT-LSD-2025-00034 IT-LSD-2025-00035 IT-LSD-2025-00036 IT-LSD-2025-00037 IT-LSD-2025-00038 IT-LSD-2025-00039 IT-LSD-2025-00040 IT-LSD-2025-00041 IT-LSD-2025-00042 IT-LSD-2025-00043 IT-LSD-2025-00044 IT-LSD-2025-00045 IT-LSD-2025-00046	Żona ta' protezzjoni: Dawk il-partijiet tar-reġjun ta' Sardenja, ġo ċirku b'raġġ ta' 20 kilometru, iċċentrat fuq UTM 30, ETRS89 bil-koordinati Lat. 40.30429, Longˇ. 9.22154 (2025/1), Lat. 40.31139, Longˇ. 9.09821 (2025/3), Lat. 40.24291, Longˇ. 9.22451 (2025/4), Lat. 40.392626, Longˇ. 9.018567 (2025/5), Lat. 40.2623, Longˇ. 9.082244 (2025/6), Lat. 40.22246, Longˇ. 9.19132 (2025/7), Lat. 40.335997, Longˇ. 9.123835 (2025/8), Lat. 40.28903, 9.102816 Longˇ.(2025/9), Lat. 40.209698, Longˇ. 9.177213 (2025/10), Lat. 40.24404, Longˇ. 9.13817 (2025/11), Lat. 40.33445, Longˇ. 9.15608 (2025/12), Lat. 40.319967 Longˇ. 9.100123 (2025/13), Lat. 40.3451 Longˇ. 9.2594 (2025/14), Lat. 40.3121, Longˇ. 9.2046 (2025/15), Lat. 40.34778, Longˇ. 9.16083 (2025/16), Lat. 40.24096, Longˇ. 9.093 (2025/17), Lat. 40.35071, Longˇ. 9.132964 (2025/18), Lat. 40.3399, Longˇ. 9.167 (2025/19), Lat. 40.725228, Longˇ. 9.485748 (2025/20), Lat. 40.467998, Longˇ. 9.151939 (2025/21), Lat. 40.28833, Longˇ. 9.157329 (2025/22), Lat. 40.24569, Longˇ. 9.20289 (2025/23), Lat. 40.260758, Longˇ. 9.168392 (2025/24), Lat. 40.33221, Longˇ. 9.08099 (2025/25), Lat. 40.280527, Longˇ. 9.116003 (2025/26), Lat. 40.3192, Longˇ. 9.1386 (2025/27), Lat. 40.34618, Longˇ. 9.110074 (2025/28), Lat. 40.304711, Longˇ. 9.068162 (2025/29), Lat. 40.25499, Longˇ. 9.12552 (2025/30), Lat. 40.24738, Longˇ. 9.12763 (2025/31), Lat. 40.28341, Longˇ. 9.22293 (2025/32), Lat. 40.25851, Longˇ. 9.20678 (2025/33), Lat. 40.306593, Longˇ. 9.071998 (2025/34), Lat. 40.33359, Longˇ. 9.16725 (2025/35), Lat. 40.3092, Longˇ. 9.2079 (2025/36), Lat., 40.30125, Longˇ. 9.04641 (2025/37), Lat. 40.25888, Longˇ. 9.2727 (2025/38), Lat. 40.26065, Longˇ. 9.27494 (2025/39), Lat. 40.397264, Longˇ. 9.172869 (2025/40), Lat. 40.30794, Longˇ. 9.07156 (2025/41), Lat. 40.29275, Longˇ. 9.116667 (2025/42), Lat. 40.28273, Longˇ. 9.26401 (2025/43), Lat. 40.284756, Longˇ. 9.303752 (2025/44), Lat. 40.32509, Longˇ. 9.133142 (2025/45), Lat. 40.20129, Longˇ. 9.18471 (2025/46), Lat. 40.23263, Longˇ. 9.15369 (2025/47), Lat. 40.27775, Longˇ. 9.03683 (2025/48), Lat. 40.400795, Longˇ. 9.171361 (2025/49), Lat. 40.38841, Longˇ. 9.00316 (2025/50), Lat. 40.30071, Longˇ. 9.15876 (2025/51), Lat. 40.315906, Longˇ. 9.213706 (2025/52), Lat. 40.1822, Longˇ. 8.5336 (2025/53), Lat.40.174537, Longˇ 9.115053 (2025/54), Lat. 40.41825, Longˇ. 9.14141 (2025/55), Lat. 40.206077, Longˇ. 9.135627 (2025/56), Lat. 40.3627, Longˇ. 9.13178 (2025/57), Lat. 40.388023, Longˇ. 9.08036 (2025/58), Lat. 40.414723, Longˇ. 9.128721 (2025/59), Lat. 40.56471, Longˇ. 9.30423 (2025/60), Lat. 40.529482, Longˇ. 9.309159 (2025/61), Lat. 40.528846, Longˇ. 9.316482 (2025/62), Lat. 40.25731, Longˇ. 9.31228 (2025/63), Lat. 40.24868, Longˇ. 9.1688 (2025/64)	31.11.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
IT-LSD-2025-00047 IT-LSD-2025-00048 IT-LSD-2025-00049 IT-LSD-2025-00050 IT-LSD-2025-00051 IT-LSD-2025-00052 IT-LSD -2025-00053 IT-LSD-2025-00054 IT-LSD -2025-00055 IT-LSD -2025-00056 IT-LSD -2025-00057 IT-LSD -2025-00058 IT-LSD -2025-00059 IT-LSD -2025-00060 IT-LSD -2025-00061 IT-LSD -2025-00062 IT-LSD -2025-00063 IT-LSD -2025-00064	Żona ta' sorveljanza: Dawk il-partijiet tar-reġjun ta' Sardenja, ġo ċirku b'raġġ ta' 50 kilometru, iċċentrat fuq UTM 30, ETRS89 bil-koordinati Lat. 40.30429, Longė. 9.22154 (2025/1), Lat. 40.30429, Longė. 9.22154 (2025/1), Lat. 40.31139, Longė. 9.09821 (2025/3), Lat. 40.24291, Longė. 9.22451 (2025/4), Lat. 40.392626, Longė. 9.018567 (2025/5), Lat. 40.2623, Longė. 9.082244 (2025/6), Lat. 40.22246, Longė. 9.19132 (2025/7), Lat. 40.335997, Longė. 9.123835 (2025/8), Lat. 40.28903, Longė. 9.102816 (2025/9), Lat. 40.209698 Longė. 9.177213 (2025/10), Lat. 40.24404, Longė. 9.13817 (2025/11), Lat. 40.33445, Longė. 9.15608 (2025/12), Lat. 40.319967, Longė. 9.100123 (2025/13), Lat. 40.3451, Longė. 9.2594 (2025/14), Lat. 40.3121, Longė. 9.2046 (2025/15), Lat. 40.34778, Longė. 9.16083 (2025/16), Lat. 40.24096, Longė. 9.093 (2025/17), Lat. 40.35071, Longė. 9.132964 (2025/18), Lat. 40.3399, Longė. 9.167 (2025/19), Lat. 40.725228, Longė. 9.485748 (2025/20), Lat. 40.467998, Longė. 9.151939 (2025/21), Lat. 40.28833, Longė. 9.157329 (2025/22), Lat. 40.24569, Longė. 9.20289 (2025/23), Lat. 40.260758, Longė. 9.168392 (2025/24), Lat. 40.33221, Longė. 9.08099 (2025/25), Lat. 40.280527, Longė. 9.116003 (2025/26), Lat. 40.3192, Longė. 9.1386 (2025/27), Lat. 40.34618, Longė. 9.110074 (2025/28), Lat. 40.304711, Longė. 9.068162 (2025/29), Lat. 40.25499, Longė. 9.12552 (2025/30), Lat. 40.24738, Longė. 9.12763 (2025/31), Lat. 40.28341, Longė. 9.22293 (2025/32), Lat. 40.25851, Longė. 9.20678 (2025/33), Lat. 40.306593, Longė. 9.071998 (2025/34), Lat. 40.33359, Longė. 9.16725 (2025/35), Lat. 40.3092, Longė. 9.2079 (2025/36), Lat., 40.30125, Longė. 9.04641 (2025/37), Lat. 40.25888, Longė. 9.2727 (2025/38), Lat. 40.26065, Longė. 9.27494 (2025/39), Lat. 40.397264, Longė. 9.172869 (2025/40), Lat. 40.30794, Longė. 9.07156 (2025/41), Lat. 40.29275, Longė. 9.116667 (2025/42), Lat. 40.28273, Longė. 9.26401 (2025/43), Lat. 40.284756, Longė. 9.303752 (2025/44), Lat. 40.32509, Longė. 9.133142 (2025/45), Lat. 40.20129, Longė. 9.18471 (2025/46), Lat. 40.23263, Longė. 9.15369 (2025/47), Lat. 40.27775, Longė. 9.03683 (2025/48), Lat. 40.400795, Longė. 9.171361 (2025/49), Lat. 40.38841, Longė. 9.00316 (2025/50), Lat. 40.30071, Longė. 9.15876 (2025/51), Lat. 40.315906, Longė. 9.213706 (2025/52), Lat. 40.1822, Longė. 8.5336 (2025/53), Lat.40.174537, Longė 9.115053 (2025/54), Lat. 40.41825, Longė. 9.14141 (2025/55), Lat. 40.206077 Longė. 9.135627 (2025/56), Lat.40.3627, Longė. 9.13178 (2025/57), Lat. 40.388023, Longė. 9.08036 (2025/58), Lat. 40.414723, Longė. 9.128721 (2025/59), Lat. 40.56471, Longė. 9.30423 (2025/60), Lat. 40.529482, Longė. 9.309159 (2025/61), Lat. 40.528846, Longė. 9.316482 (2025/62), Lat. 40.25731, Longė. 9.31228 (2025/63), Lat. 40.24868, Longė. 9.1688 (2025/64)	1.12.2025– 17.12.2025
	Żona ta' sorveljanza: Dawk il-partijiet tar-reġjun ta' Sardenja, ġo ċirku b'raġġ ta' 20 kilometru, iċċentrat fuq UTM 30, ETRS89 bil-koordinati Lat. 40.30429, Longė. 9.22154 (2025/1), Lat. 40.30429, Longė. 9.22154 (2025/1), Lat. 40.31139, Longė. 9.09821 (2025/3), Lat. 40.24291, Longė. 9.22451 (2025/4), Lat. 40.392626, Longė. 9.018567 (2025/5), Lat. 40.2623, Longė. 9.082244 (2025/6), Lat. 40.22246, Longė. 9.19132 (2025/7), Lat. 40.335997, Longė. 9.123835 (2025/8), Lat. 40.28903, Longė. 9.102816 (2025/9),	17.12.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	Lat. 40.209698, Lonġ. 9.177213 (2025/10), Lat. 40.24404, Lonġ. 9.13817 (2025/11), Lat. 40.33445, Lonġ. 9.15608 (2025/12), Lat. 40.319967, Lonġ. 9.100123 (2025/13), Lat. 40.3451, Lonġ. 9.2594 (2025/14), Lat. 40.3121, Lonġ. 9.2046 (2025/15), Lat. 40.34778, Lonġ. 9.16083 (2025/16), Lat. 40.24096, Lonġ. 9.093 (2025/17), Lat. 40.35071, Lonġ. 9.132964 (2025/18), Lat. 40.3399, Lonġ. 9.167 (2025/19), Lat. 40.725228, Lonġ. 9.485748 (2025/20), Lat. 40.467998, Lonġ. 9.151939 (2025/21), Lat. 40.28833, Lonġ. 9.157329 (2025/22), Lat. 40.24569, Lonġ. 9.20289 (2025/23), Lat. 40.260758, Lonġ. 9.168392 (2025/24), Lat. 40.33221, Lonġ. 9.08099 (2025/25), Lat. 40.280527, Lonġ. 9.116003 (2025/26), Lat. 40.3192, Lonġ. 9.1386 (2025/27), Lat. 40.34618, Lonġ. 9.110074 (2025/28), Lat. 40.304711, Lonġ. 9.068162 (2025/29), Lat. 40.25499, Lonġ. 9.12552 (2025/30), Lat. 40.24738, Lonġ. 9.12763 (2025/31), Lat. 40.28341, Lonġ. 9.22293 (2025/32), Lat. 40.25851, Lonġ. 9.20678 (2025/33), Lat. 40.306593, Lonġ. 9.071998 (2025/34), Lat. 40.33359, Lonġ. 9.16725 (2025/35), Lat. 40.3092, Lonġ. 9.2079 (2025/36), Lat., 40.30125, Lonġ. 9.04641 (2025/37), Lat. 40.25888, Lonġ. 9.2727 (2025/38), Lat. 40.26065, Lonġ. 9.27494 (2025/39), Lat. 40.397264, Lonġ. 9.172869 (2025/40), Lat. 40.30794, Lonġ. 9.07156 (2025/41), Lat. 40.29275, Lonġ. 9.116667 (2025/42), Lat. 40.28273, Lonġ. 9.26401 (2025/43), Lat. 40.284756, Lonġ. 9.303752 (2025/44), Lat. 40.32509, Lonġ. 9.133142 (2025/45), Lat. 40.20129, Lonġ. 9.18471 (2025/46), Lat. 40.23263, Lonġ. 9.15369 (2025/47), Lat. 40.27775, Lonġ. 9.03683 (2025/48), Lat. 40.400795, Lonġ. 9.171361 (2025/49), Lat. 40.38841, Lonġ. 9.00316 (2025/50), Lat. 40.30071, Lonġ. 9.15876 (2025/51), Lat. 40.315906, Lonġ. 9.213706 (2025/52), Lat. 40.1822, Lonġ. 8.5336 (2025/53), Lat.40.174537, Lonġ 9.115053 (2025/54), Lat. 40.41825, Lonġ. 9.14141 (2025/55), Lat. 40.206077, Lonġ. 9.135627 (2025/56), Lat.40.3627, Lonġ. 9.13178 (2025/57), Lat.40.388023, Lonġ. 9.08036 (2025/58), Lat. 40.414723, Lonġ. 9.128721 (2025/59), Lat. 40.56471, Lonġ. 9.30423 (2025/60), Lat. 40.529482, Lonġ. 9.309159 (2025/61), Lat. 40.528846, Lonġ. 9.316482 (2025/62), Lat. 40.25731, Lonġ. 9.31228 (2025/63), Lat. 40.24868, Lonġ. 9.1688 (2025/64), għajr iż-żoni li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni.	
Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta FR-LSD-2025-00017 FR-LSD-2025-00018 FR-LSD-2025-00022 FR-LSD-2025-00026 FR-LSD-2025-00027 FR-LSD-2025-00028 FR-LSD-2025-00029 FR-LSD-2025-00030 FR-LSD-2025-00031 FR-LSD-2025-00032 FR-LSD-2025-00033 FR-LSD-2025-00034 FR-LSD-2025-00038 FR-LSD-2025-00048 FR-LSD-2025-00049	Żona ta' sorveljanza: Dawk il-partijiet tar-reġjun ta' Valle d'Aosta, ġo ċirku b'raġġ ta' 50 kilometru, iċċentrat fuq UTM 30, ETRS89 bil-koordinati Lat. 45.739081, Lonġ 6.309311 (FR-LSD-2025-00017), Lat. 45.742, Lonġ. 6.290 (FR-LSD-2025-00018), Lat. 45.788, Lonġ. 6.204 (FR-LSD-2025-00022), Lat. 45.753, Lonġ. 6.272 (FR-LSD-2025-00026), Lat. 45.747, Lonġ. 6.284 (FR-LSD-2025-00027), Lat. 45.731, Lonġ. 6.294 (FR-LSD-2025-00028), Lat. 45.748, Lonġ. 6.294 (FR-LSD-2025-00029), Lat. 45.761, Lonġ. 6.310 (FR-LSD-2025-00030), Lat. 45.762, Lonġ. 6.309 (FR-LSD-2025-00031), Lat. 45.732, Lonġ. 6.296 (FR-LSD-2025-00032), Lat. 45.748, Lonġ. 6.294 (FR-LSD-2025-00033), Lat. 45.767, Lonġ. 6.535 (FR-LSD-2025-00034), Lat. 45.728, Lonġ. 6.269 (FR-LSD-2025-00038), Lat. 45.788, Lonġ. 6.204 (FR-LSD-	24.10.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
FR-LSD-2025-00051 FR-LSD-2025-00053 FR-LSD-2025-00054 FR-LSD-2025-00061 FR-LSD-2025-00064 FR-LSD-2025-00069 FR-LSD-2025-00073 FR-LSD-2025-00075	2025-00048), Lat. 45.741, Longi. 6.306 (FR-LSD-2025-00049), Lat. 45.750, Longi. 6.318 (FR-LSD-2025-00051), Lat. 45.773, Longi. 6.254 (FR-LSD-2025-00053), Lat. 45.771, Longi. 6.252 (FR-LSD-2025-00054), Lat. 45.749, Longi. 6.317 (FR-LSD-2025-00061), Lat. 45.748, Longi. 6.297 (FR-LSD-2025-00064), Lat 45.729, Longi. 6.267 (FR-LSD-2025-00069), Lat. 45.705, Longi. 6.305 (FR-LSD-2025-00073), Lat. 45.728, Longi. 6.262 (FR-LSD-2025-00075)	

Parti B: Żona ristretta ulterjuri

Żona amministrattiva	Żoni stabbiliti bħala żona ristretta ulterjuri, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Ir-Reġjun ta' Sardenja	It-territorju sħiħ tar-reġjun ta' Sardenja, għajr iż-żoni inklużi fi kwalunkwe żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza.	18.12.2025

ANNESS II

Żoni msemmijin fl-Artikolu 3

Żona amministrattiva	Żoni msemmijin fl-Artikolu 3	Data sa meta applikabbli
Ir-Reġjun ta' Sardenja	It-territorju sħiħ tar-reġjun ta' Sardenja	19.12.2025– 18.01.2026

ANNESS III

Parti A: Żona tat-tilqim II

It-territorju kollu ta':

— ir-reġjun ta' Sardenja sal-aħħar jum tal-perjodu tal-irkupru, imsemmi fil-Parti 4 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361.

— dawk iż-żoni li jinsabu fiż-żona ta' sorveljanza tar-reġjun ta' Valle D'Aosta sal-aħħar jum tal-perjodu ta' rkupru, imsemmi fil-Parti 4 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361.

Parti B: Żona tat-tilqim I

It-territorju kollu ta':

— ir-reġjun ta' Valle D'Aosta għajr iż-żona ta' sorveljanza f'dak ir-reġjun sal-aħħar jum tal-perjodu tal-irkupru, imsemmi fil-Parti 4 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361."